**Laqgha Numru 03/K6/2009**

**Introduzzjoni**

Minuti tat-Tielet Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2009 li saret nhar l-Erbgha 25 ta' Frar 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie pubblikat fid-19 ta' Frar 2009. L-Agenda kienet:

**01. Approvazzjoni tal-Minuti 02/K6/2009.**

**02. Punti li johorgu mill-Minuti 02/K6/2009.**

**03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**

**04. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**

**05. Mistoqsijiet.**

**06. Korrispondenza.**

**07. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**

**08. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**

**09. Estimi Finanzjarji 2009/2010 u Business Plan 2009/2012.**

**10. Approvazzjoni tal-kontijiet.**

**11. Materji Ohra.**

- Tabib tal-Kunsill (Imressqa mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat)
- Internet availability (Imressqa mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat)
- Grada (Imresqa mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat)
- Ilma jqattar gos-sala u hsara (Imressqa mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat)
- Telephone cards (Imressqa mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat)
- Kuncert (Imressqa mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat)

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 02/K6/2009.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-minuti riferenza 02/K6/2009 kif ipprezentati.

1.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 02/K6/2009.

**46/0220/09/I** 16/01/2009 Kopja ta' l-ittra li l-Korporazzjoni Enemalta baghtu l-BMX Association dwar it-talba taghhom ghall-installazzjoni ta' dawl gdid hdejn il-kumpless fejn infurmawhom li hija responsabilita' tal-Kunsill li jinstalla dawl gdid.

2.01. B’riferenza ghall-Minuti 02/K6/2009 item 2.02, ghall-Minuti 01/K6/2009 item 6.55 u ghall-korrispondenza numru **46/0220/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill jaghmel spezzjoni taz-zona sabiex ikun identifikat jekk jistghux jitwahhlu xi lampi godda, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsilliera li wara l-laqgha li saret mas-Sur John Zammit nhar it-Tnejn 9 ta’ Frar 2009, l-ispezzjoni flimkien mieghu fuq il-post ghad ma saritx ghax is-Sur Zammit ghad ma ghamilx appuntament meta jista’ jakkumpanjah ghal dan.

**46/0544/09/I** 03/02/2009 Ittra minghand il-Familja Tonna li toqghod Triq Patri A. Tonna Barthet, fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar inbieh mill-kelb informa l-Kunsill li kien sorpriz bl-ittra minhabba li l-akkuzi li ghamel il-Kunsill fl-ittra fl-opinjoni tieghu huma bla bazi.

2.02. B’riferenza ghall-Minuti 02/K6/2009 item 6.06 u ghall-korrispondenza numru **46/0544/09/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li kien ser jerga’ jikteb lil dan is-sinjur li l-Kunsill jagixxi fuq kull rapport li jircievi u li ma jkun hemm ebda akkuza diretta lilu personali jew malintiz jew intenzjoni hazina meta tingibed l-attenzjoni tal-persuna/i koncernata/i, is-Sindku Joe Zammit qal li din l-ittra saret u ntbaghtet lill-koppja Tonna.

**46/0659/09/I** 09/02/2009 Kopja ta’ stqarrija ghall-istampa mahruga mid-Dipartiment tas-Sahha tal-Pjanti fejn il-Kunsill gie nfurmat li sa qabel is-6 ta’ Marzu ghandu jinforma lid-Dipartiment bil-palm kollu li hawn fil-lokal.

2.03. B’riferenza ghall-Minuti 02/K6/2009 item 6.17 u ghall-korrispondenza numru **46/0659/09/I** fejn il-Kunsillier Joe Brincat kien ippropona li l-Kunsill jiehu ritratti u jsir ir-rapport kif mitlub taz-zoni pubblici fil-lokal, is-Sindku Joe Zammit qal li flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kienu hadu r-ritratti tal-palm kollu li hawn f’Pembroke u r-rapport ghandu jitlesta li fil-jiem li gejjien.

2.04. B’riferenza ghall-Minuti 02/K6/2009 item 12.12 fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li l-Bord ta’ l-Ghazla fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kien qed jirrakkomanda li l-**kwotazzjoni 01/2009 – Finger / Palm Reader** ghandha tigi analizzata minn persuna teknika qabel tittiehed decizjoni kif ukoll kien ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni u li kull membru tal-Kunsill li jaf b’xi persuna teknika f’dan il-qasam kellu jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg immedjatament sabiex isiru l-arrangamenti mehtiega. Is-Sindku Joe Zammit qal li jidher li ma kien hemm l-ebda membru tal-Kunsill li sar jaf b’xi hadd tekniku fuq dan is-suggett u ghalhekk qal li ser jikkomunika ma’ persuna li

ghamel l-installazzjoni ta’ sistema simili izda akbar, mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma.

2.05. B’riferenza ghall-Minuti 02/K6/2009 item 12.15 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-**kwotazzjoni 02/2009 – Festun tad-Dawl** m’ghandiex tinghata peress li x-xoghol jista’ jaghti l-kaz li jista’ jsir mill-Kunsill wara li jinxtara l-materjal u ghalhekk l-ispiza tigi irhas. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill kwotazzjonijiet ghall-materjal minghand kumpanija ohra biex isir dan il-festun, liema kwotazzjoni ghall-materjal biss irrizultat li tigi kwazi l-istess prezz. **( Ara dokument A)**.

2.06. Fid-dawl ta’ dan il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li l-Kunsill jordna l-festun minghand il-kumpanija Vincent Mifsud Ltd. **(Ara dokument B)** minhabba li m’hemmx differenza fil-prezz jekk jinxtara jew isir mill-Kunsill, li l-festun jigi ordnat skond it-tul kollu li hemm bzonn jigifieri jdur ma’ l-ufficcju tal-Kunsill u jinzel tul it-Triq Normandy kollha kif ukoll li l-Kunsill jigbor kwotazzjonijiet ghall-provvista ta’ lampi LED’s. Il-kelliem ippropona ukoll li ghall-provvista tal-lampi l-Kunsill ghandu jikkomunika ukoll mal-hwienet li hawn fil-lokal.

2.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.09. B’riferenza ghall-Minuti 02/K6/2009 item 14.24 fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li kienu biss il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat li kienu ghadhom ma ghamlux ir-rapport finanzjarju b’riferenza ghall-mawra li saret f’Roccalumera u ghalhekk ma setax isir ir-rapport lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali ta’ x’sar matul is-sena 2008 f’dak li ghandu x’jaqsam ma’ gemellaggi u dan sabiex huwa jkun jista’ jipprepara programm ta’ x’ser jaghmel il-Kunsill matul is-sena li gejja f’dak li ghandu x’jaqsam gemellaggi u ftehim iehor b’mod partikulari China u l-ohrajn l’issemmew matul il-laqghat precedenti kif ukoll ghall-Minuti 02/K6/2009 item 14.27 fejn il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli kien qal biex sa laqgha ohra s-Sindku Joe Zammit ghandu jlesti r-rapport ta’ x’ser ikun il-programm tal-Kunsill matul din is-sena fil-qasam internazzjonali b’mod partikulari gemellaggi u ftehim iehor halli jintbaghat lid-dipartiment wara li jkun approvat mill-Kunsill, is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li sar ir-rapport finanzjarju kif mitlub mill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsillier Joe Brincat u ghalhekk issa se jkun jista’ flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ihejji r-rapport lid-dipartiment skond kif mitlub fil-Memo 13/2008.

2.10. Is-Sindku Joe Zammit talab lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat sabiex kemm jista’ jkun malajr jirritornaw lura l-bilanci li kien ghad fadlilhom wara l-mawra li kienet saret f’Settembru f’Roccalumera.

2.11. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat fil-fatt ghamlet dan waqt il-laqgha.

2.12. B’riferenza ghall-Minuti 02/K6/2009 item 14.45 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li l-Kunsill jaghmel lezzjonijiet tal-beading issussidjat kif ukoll kienet qalet li kellha tipprovdi lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg dettalji ta’ persuna li lesta li taghmel dan ix-xoghol, is-Sindku Joe Zammit qal li d-dettalji mitluba lill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ta’ kemm hin se jkun twil il-kors, il-granet li l-ahjar isir, il-hin tal-lezzjonijiet, il-hlas dovut u minn se jkun it-tutor kienu ghadhom ma waslux ghand il-Kunsill u ghalhekk il-flyer ma jistax ikun konkluz biex jintbaghat.

## 03. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

3.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 13/2009** b'rapport tal-Bord ta' l-Ghazla dwar tender 01/2009 u l-kwotazzjonijiet 01 u 02/2009 **(Ara dokument C), Internal Memo 14/2009** b'lista tal-laqghat li saru bejn laqgha riferenza 02/K6/2009 u 03/K6/2009 **(Ara dokument D), Internal Memo 15/2009** b'rapport ta' l-azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 02/K6/2009 u 03/K6/2009. **(Ara dokument E),** Kopja tal-flyer rigward 'Klieb abbandunati fit-toroq' **(Ara dokument F),** Flyer dwar 'Il-Kontroll fuq il-Bumunqar l-Ahmar' **(Ara dokument G) u** Kopja tac-certifikati li ser jinghataw u jitwahhlu mal-kotba li ser jintuzaw fl-attivita' tad-19 ta' Marzu. **(Ara dokument H u I)**

## 04. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

4.02. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-Internal Memos ipprezentati mis-Segretarju Ezekuttiv.

4.03. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-ittra lil Celettes intbaghtet fuq in-numru tal-fax provdut mill-Kunsillier Evelyn Vella Brincat li kienet il-persuna li pproponiet li jsir dan il-komunikat. Il-kelliem qal li ghajr it-tel, fax u isem is-Sindku, l-Kunsill m'ghandu ebda informazzjoni ohra fuq dan il-post.

4.04. Is-Sindku Joe Zammit qal li minhabba li l-iskrivana Alison Micallef kellha xi granet fejn kienet ma tiflahx f'Jannar u l-iskrivana Kirsty Rizzo kienet l-istess fi Frar, mhux ser ikun possibbli li sa l-ahhar ta' Frar 2009 Alison Micallef tkun hadet il-vacation leave kollu pendenti tas-sena li ghaddiet izda ser ikun ghad fadal madwar 18 il-siegha pendenti. Il-kelliem qal li l-istess jista' jinghad ghas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg li milli jidher sa l-ahhar ta' Marzu 2009 ser ikun ghad fadallu madwar 42 ½ siegha. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona biex it-tnejn ikomplu jiehdu l-leave kemm jista' jkun malajr.

4.05. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

4.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat xtaqet tkun taf ghala dan gara.

4.08. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa mexa fuq il-policy addottata mill-Kunsill stess meta kien deciz li jekk ikun possibbli fl-ufficcju amministrattiv dejjem ikun hemm zewg impjegati xoghol. Il-kelliem informa lill-Kunsill li meta wiehed jara kif ittiehed il-vacation leave, huwa wahdiet il-granet fejn fl-ufficcju fl-ewwel tlett xhur tas-sena ser ikun hemm it-tlett impjegati kollha xoghol flimkien. **(Ara dokument J)**

***4.09. Fis-6.00pm is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-laqgha tigi sospiza sabiex il-Kunsill ikun jista' jiltaqa' ma' rapprezentanti tal-MUSEUM. ( Is-Superjuri Manuel Catania u Frankie Chetcuti )***

***4.10. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.***

***4.11. Il-Kunsill qabel unanimament u l-laqgha giet sospiza.***

***4.12. Il-laqgha tkompliet fis-6.45pm.***

4.13. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li minhabba li l-Kunsill ghamel tibdil fil-hinijiet tax-xoghol wara li kienet bdiet is-sena, irrizulta li kemm huwa kif ukoll

l-iskrivani hadmu 16 il-siegha aktar kif ukoll skond il-hinijiet il-godda ser ikun qed jahdmu 4 sieghat zejda tul sena shiha, jigifieri total ta' 20 siegha. **(Ara dokument K)**

4.14. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li jittiehdu ¼ kulljum vacation leave bejn 12.00pm u 12.15pm sabiex jigi ezawrit dan il-hin.

4.15. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

4.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.17. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill x'ser ikunu l-hinijiet il-godda tax-xoghol tal-Kunsill kif ukoll il-hinijiet ghall-pubbliku.

4.18. Wara diskussjoni li saret bejn il-Kunsilliera, is-Sindku Joe Zammit ippropona r-rakkomandazzjoni tal-Kunsilliera li l-hinijiet tax-xoghol ghall-impjegati ta' l-ufficcju ghandhom ikunu skond l-iskeda annessa **(Ara dokument K)** filwaqt li l-hinijiet ghall-pubbliku ghandhom ikunu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Lulju mit-8.00am sa 12.00pm u bejn is-1.00pm u l-5.00pm, tul Awwissu kollu bejn it-8.00am u s-2.00pm u bejn l-1 ta' Settembru u l-31 ta' Dicembru bejn it-8.00am u n-12.00pm u bejn is-1.00pm u l-5.00pm. Il-kelliem qal li dawn il-hinijiet japplikaw ukoll ghall-haddiema li jkunu assenjati mal-Kunsill.

4.19. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

4.20. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.21. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li huwa mportanti li l-impjegati jiehdu l-hin tal-break u mhux jibqghu jahdmu.

4.22. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg qal li huwa minn dejjem talab lill-iskrivani sabiex jieqfu fil-hin tal-break.

4.23. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li ma tistax tifhem kif l-istaff kien jiehu biss ¼ break meta kienu jahdmu s-Sajf kollu nofs ta' nhari.

4.24. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-hinijiet tax-xoghol li hadmu bihom matul l-ahhar snin dejjem kienu approvati mill-Kunsill.

4.25. Is-Sindku Joe Zammit qal li fil-jiem li ghaddew, il-membri eletti tal-Kunsill kellhom laqgha ma' l-iskrivani Alison Micallef u Kirsty Rizzo. Il-kelliem qal li dakinhar tal-laqgha is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ma kienx xoghol ghax kien fuq 'vacation leave' u li l-membri tal-Kunsill kienu minn qabel jafu b'dan.

4.26. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li hija xtaqet li kieku setghet tattendi ghall-invit li l-Kunsill kellu ghal Ghawdex fi zmien il-Karnival.

4.27. Is-Sindku Joe Zammit qal li huwa flimkien mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli attendew ghall-laqgha ta' l-LES u l-laqgha tal-MEUSAC dwar il-ko-finanzjament tal-progett ta' l-EU. Il-kelliem qal ukoll li fil-jiem li ghaddew sar l-iffirmar tad-dokument tal-MEUSAC wara l-laqgha li saret maghhom dwar il-progett SWITCH Asia.

4.28. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li huwa flimkien mal-Kunsillier Joe Brincat attendew ghall-laqgha promozzjonali mill-kumpanija Philips fejn inghataw materjal informattiv. Il-kelliem qal li kellhom laqgha ukoll dwar il-Bumunqar fejn kien prezenti ukoll is-sur Karmenu Mazzitelli, haddiem tal-kuntrattur Shawn Farrugia.

4.29. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li huwa flimkien mas-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Joe Brincat kellhom laqgha mas-sur Silvio Abela ta' l-Adventure Camping

Shop. Il-kelliem qal li kif kienet ix-xewqa tal-Kunsill il-kumpanija ser jipprovdu xi kotba ghall-librerija.

4.30. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, li talbet biex issir din il-laqgha qabel ma jinghata il-permess, kienet skuzata minhabba impenji familjari li nqalghu fl-ahhar.

## 05. Mistoqsijiet.

5.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 06. Korrispondenza.

6.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn il-11 u l-25 ta' Frar 2009 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/0669/09/I** 11/02/2009 Ittra minghand l-Awtorita' tad-Djar fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill dwar dawl madwar Sit C u D informa lill-Kunsill li bhalissa ghaddejjin tahdidiet mas-Seg. Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli biex jaraw kif ghandhom ikunu l-proceduri ghall-progetti bhal dawn u l-Awtorita' m'hiex ser tidhol ghall-iffinanzjar tal-progett kif propost mill-Kunsill.

6.02. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0669/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jikteb lill-AKL biex din il-kwistjoni titla' ghad-diskussjoni fil-laqgha tas-Sindki li gejja.

6.03. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

6.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0671/09/I** 11/02/2009 E-mail minghand is-Sur Paul Banavage fejn irraporta bozza maqtugha fi Triq Napuljun Tagliaferro fuq dar numru 23 u gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li grupp ta' teenagers harqu l-bin li hemm fil-Gnien u hemm xi pavimentar li qed jinqala.

6.05. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0671/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li l-kaz taz-zghazagh fil-gnien kien gie diskuss fil-laqgha li saret mal-Pulizija tad-distrett. Il-kelliem qal li rigward il-bozza, l-istaff tal-Kunsill ha azzjoni mill-ewwel u nforma lill-Enemalta, u rigward ix-xoghol tal-pavimentar huwa kien ikkomunika bit-telefon mas-Sur Banavage fejn infurmah li l-Kunsill ser ikun qed jaghmel xoghol ta' manutenzjoni fil-gnien mill-fondi tal-Urban Improvement Fund.

6.06. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Perit tal-Kunsill kien ghadu ma provdiex l-ispecifikazzjonijiet necessarji sabiex ikunu jistghu jinhargu l-offerti vis-à-vis l-upgrading ta' gnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

**46/0672/09/I** 11/02/2009 E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn b'riferenza ghall-e-mail li rcieva l-Kunsill minghand Reel8 Productions Ltd. dwar produzzjoni ta' DVD talab biex issir laqgha maghhom u ninformaw lil kulhadd.

6.07. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0672/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jiltaqa' ma' din il-kumpanija fejn qal li jhoss li wasal iz-zmien li jsir xi tip ta' visual presentation (DVD) tal-lokal ta' Pembroke.

6.08. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.09. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0725/09/I** 12/02/2009 E-mail minghand il-MEPA fejn baghtu lista ta' decizjonijiet datati 11 ta' Frar 2009 PA01506/07 – Landscaped Area at Pembroke, Wesghet George Portanier & Triq il-Profs Walter Ganado, Pembroke – Proposed EU Funded landscaping project including changes to surrounding roads and carpark.

6.10. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0725/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan huwa l-famuz progett ta' upgrade taz-zona ta' quddiem l-ITS u li t-tieni parti tal-progett se tinkludi ukoll l-upgrade taz-zona tal-Pembroke Athleta Football grounds in-naha ta' isfel u tkopri ukoll id-dawra tal-housing estate ta' Sit 'A'.

**46/0729/09/I** 12/02/2009 **46/0755/09/I** 13/02/2009 E-mail minghand FTZ fejn irringrazzja l-Kunsill ta' l-ittra li baghtna fejn infurmajnih li l-Kunsill huwa nteressat li jippartecipa fil-Progett Medendemism.

6.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0729/09/I u 46/0755/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-Kelliem qal li jittama li jintlaqa' dan il-progett li huwa nteressanti hafna rigward zoni kostali bejn Malta, Sqallija u Cipru.

**46/0730/09/I** 12/02/2009 E-mail minghand MEUSAC fejn baghtet informazzjoni fuq inizjattivi ghaz-zghazagh u rakkomandazzjonjiet ghall-progett kif gie diskuss fil-laqgha maghha u jekk irid il-Kunsill jista' japplika sa l-1 t'April 2009.

6.12. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0730/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jippartecipa f'din l-inizjattiva.

6.13. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.14. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.15. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lis-Sindku Joe Zammit biex ikun jaf kif il-Kunsill ser jippartecipa f'din l-inizjattiva sabiex ikun jista' jibda l-preparamenti mehtiega.

6.16. Is-Sindku Joe Zammit qal li ser tintalab laqgha mal-MEUSAC ghal aktar taghrif u ghalhekk l-informazzjoni tinghata wara din il-laqgha.

**46/0736/09/O** 12/02/2009 Ittra li baghtna lill-Awtorita' tad-Djar b'kopja lill-Perit Anton Camilleri u l-Ing. Conrad Casha fejn baghtna kopja ta' dokument ta' tender tad-dawl ta' Sit F u nfurmajnihom li l-offerti ser jaghlqu nhar it-Tnejn 23 ta' Marzu 2009 fil-11.00am.

6.17. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0736/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsilliera li l-Kunsill qed jistenna l-approvazzjoni tad-dipartiment qabel ma johrog dan it-tender. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona biex kif il-Kunsill ikollu l-konferma johrog it-tender mill-ewwel u fl-istess waqt ghandhom jigu nfurmati r-residenti taz-zona b'dak li qed jigri.

6.18. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.20. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li d-dokument tat-tender kien diga tlesta jiem ilu nkluz l-avvizi necessarji u dan skond ma kien diga gie deciz fil-laqgha precedenti tal-Kunsill.

6.21. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li jekk ma jkunx hemm tibdil mid-Dipartiment sal-laqgha li jmiss dan ghandu jinhareg kif sottomess.

6.22. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.23. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0745/09/O** 13/02/2009 **46/0751/09/I** 13/02/2009 Ittra li baghtna lis-Segretarju Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni l-Onor. Dr. Chris Said fejn baghtna kopja ta' l-ittri li rcieva l-Kunsill mill-Ufficcju ta' l-ECAD fejn il-Bord accettaw unanimament li l-konferenza ta' l-ECAD issir f'Malta 2010.

6.24. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0745/09/I u 46/0751/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li l-Kunsill qed jistenna l-kummenti ta' l-Onor. Seg. Parlamentari Dr. Chris Said sabiex jinbdew il-preparattivi ghal dan l-avveniment tas-sena 2010. Il-kelliem qal li fil-fatt ser issir laqgha ma' l-Onor. Chris Said nhar it-18 ta' Marzu fil-5.00 pm.

***6.25. Fis-7.05 pm il-Kunsillier Lauro Fava talab li jigi skuzat u halla l-kamra.***

***6.26. Fis-7.06 pm is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-laqgha tigi sospiza sabiex il-Kunsill jiltaqa' ma' rapprezentanti ta' NnG Promotions.***

***6.27. Il-laqgha giet sospiza.***

***6.28. Il-laqgha tkompliet fis-7.35pm.***

**46/0748/09/I** 13/02/2009 **46/0682/09/I** 11/02/2009 Lista t'applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp PA05309/08 – Proposed converter at Pembroke – Mr. Joseph Cutajar, Site at St. Patrick's Barracks, Pembroke.

6.29. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0748/09/I u 46/0682/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jitlob laqgha mal-Korporazzjoni Enemalta fuq dan il-progett halli l-Kunsill jara x'ser ikun il-progett biex ikun jista' jaghti aktar taghrif lir-residenti tal-lokal meta dawn jistaqsu.

6.30. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.31. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.32. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dwar dan is-suggett diga kienet inkitbet ittra lill-Onor. Ministru Austin Gatt, l'izda sallum ghadha minghajr twegiba. Il-kelliem informa lill-Kunsill li kif diga kien informa lill-Kunsill xhur ilu dan il-progett kien jikkonsisti minn zvilupp fejn ser ikun hemm apparat li jista' jaghti l-kaz li ser jircievi l-gass mill-Italja u jikkonvertiha f'kurrent elettriku. Il-kelliem informa lill-Kunsill li s-sit propost jinsab faccata ta' numru ta' skejjel u tal-klabb tal-facilitajiet ta' Melita FC apparti l-fatt li huwa propost fuq zona skedata u biswit is-sit li jintuza mill-AFM, liema facilita' tista' tkun ta' periklu meta wiehed iqis li l-AFM jaghmlu tahrig bi splussiv. Il-kelliem fakkar lill-Kunsill li b'xi mod dan is-sit irid jaghqad mas-sistema tad-distribuzzjoni ta' l-elettriku nazzjonali. **(Ara dokument L, M, N, O, P u Q)**

6.33. Fid-dawl ta’ dan is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill joggezzjona mal-MEPA sabiex ikun fiz-zmien stipulat bil-ligi u dan sakemm issir il-konsultazzjoni mal-Kunsill fuq dan il-progett.

6.34. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0763/09/I** 13/02/2009 E-mail minghand Pembroke Town Council fejn informa l-Kunsill li gie mitlub minn Aden Brinn biex waqt iz-zjara taghhom f'Malta bejn it-12 u 19 ta' Mejju issir laqgha mal-President ta' Malta, mal-Prim Ministru, mal-kap ta' l-Oppozizzjoni u mal-Kummissarju Gholi Ingliz.

6.36. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0763/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li jsiru dawn it-talbiet ufficjalment bhala parti mill-hidma tal-Kunsill taht il-programm tal-Gemellagg.

6.37. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.38. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0776/09/I** 13/02/2009 E-mail minghand Liquigas Malta fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill informaw lill-Kunsill li c-cilindri tal-gass li jitqassmu fi djar huma ta' 10, 12, 15 kg u anke ta' 25kg li jinbiegh fuq talba.

6.39. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0776/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

6.40. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat talbet li l-Kunsill jitlob lill-Liquigas sabiex id-distributur iforni lill-lokal bic-cilindri kollha tal-gass.

**46/0798/09/I** 16/02/2009 Kopja ta' l-e-mail li l-avukat Dr. Luciano Busuttil ircieva mill-President ta' l-AKL fejn assigurah li se jsegwi dak kollu li gara u se jiehu l-passi mehtiega biex ma jkunx hemm trattament inaccettabbli fil-konfront tal-kunsilliera.

6.41. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0798/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li wara l-laqgha li saret fil-Kunsill ta’ B’Kara nhar il-Gimgha, l-President ta’ l-AKL Michael Cohen tkellem mieghu u mal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rigward dan u talab biex il-Kunsill jikteb ittra lill-Onor. Seg. Parlamentari Dr. Chris Said biex issir laqgha fil-prezenza tad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, il-President tal-AKL kif ukoll l-Avukat tal-Kunsill biex tkun diskussa din il-materja li tahraq hafna u biex tkun ta’ gid ukoll u triq ghall-Kunsilli ohra li jistghu jghaddu minn l-istess sitwazzjoni. Fid-dawl ta’ dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din il-linja u tintalab din il-laqgha.

6.42. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.43. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0817/09/I** 17/02/2009 E-mail minghand is-Sindku Joe Zammit fejn baghat kopja ta' l-e-mail li rcieva mis-Sur Diego A. Luraschi fejn baghat dettalji tal-post Magliaso fi Switzerland biex titkompla l-hbiberija bejn iz-zewg Kunsilli.

6.44. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0817/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0824/09/I** E-mail minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-

17/02/2009 memo 5/2009 dwar l-iskema ghall-inizjattivi sportivi nformat lill-Kunsill li l-applikazzjonijiet jaghlqu nhar il-Gimgha 20 ta' Frar 2009 fil-5.00pm.

6.45. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0824/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem informa lill-Kunsill li t-talba tal-Kunsill biex jorganizza attivita' sportiva flimkien ma' Pembroke Athleta Sezzjoni Atletika intbaghtet fil-hin.

**46/0841/09/I** 18/02/2009 Kwotazzjoni minghand is-Sur Marco Mifsud minn Virtousi Band fejn qed jinforma l-Kunsill li jixtiequ jiehdu sehem f'Jum Pembroke nhar is-Sibt 4 ta' Lulju 2009 bejn it-8.30pm u 9.30pm ghall-prezz ta' €280.

6.46. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0841/09/I** il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ppropona li tkun accettata din it-talba u ppropona li tkun parti mill-programm t'attivitajiet ta' Jum Pembroke 2009.

6.47. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

6.48. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0843/09/I** 18/02/2009 E-mail minghand is-Sur Mario Pickard fejn baghat diversi suggerimenti biex nimpruvjaw l-ambjent fil-lokal.

6.49. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0843/09/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jiehu nota tal-kummenti kollha li ghamel is-sur Mario Pickard.

6.50. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

6.51. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0845/09/I** 18/02/2009 E-mail minghand Lithuanian Aids Centre fejn baghtu l-ahhar programm ghall-konferenza li ser issir gewwa Vilnius u li ghaliha se jattendi s-Sindku.

6.52. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/0845/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/0852/09/I** 18/02/2009 **46/0924/09/I** 20/02/2009 **46/0925/09/I** 20/02/2009 E-mail minghand id-Direttorat tal-Bini u Tiswija ta' Djar fejn baghat kopja ta' l-e-mail li rcieva mill-Perit Antoine Sapiano fejn informah li rrengaw il-bollards li jikkontrollaw l-access fiz-zona pedonali ta' Sit A u qed jistaqsi jekk ic-cwievet jinghatawx lill-Kunsill.

6.53. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/0852/09/I, 46/0924/09/I u 46/0925/09/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din il-korrispondenza kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem qal li kien irrisponda permezz ta' ittra lill-Perit Anton Camillieri li l-Kunsill mhux se jaccetta aktar responsabilita' jew delegi ohra jekk mhux se jkollu fondi specjali biex jaghmel dan. Il-kelliem qal li fil-korrispondenza li ghaddejja bhalissa jidher li d-dipartiment tad-djar ser ikun qed jikkonsulta mal-AKL u mal-Ministeru rigward dawn ir-responsabilitajiet godda meta housing estate jghaddi fuq il-Kunsill tal-lokal. Il-kelliem irrefera ukoll ghal dak li qal taht korrispondenza **46/0669/09/I** u li torbot ukoll ma' l-ispirtu ta' din il-materja. Is-Sindku Joe Zammit qal li l-ittra tal-Kunsill hija riferenza **46/0926/09/O**.

